Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port: Nu 54/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 10 ta' Novembru 2025

Ħin: 18:00

Bdiet: 18:00

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

54. 1 Ittri ta' Apoloġija

54.1.1Il-President semma li s-Sur Jorge Grech, talab li jkun skużat għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Clive Pulis, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

54.2 Belt Kulturali Ewropea 2031

54.2.1 Il-President fetaħ il-laqgħa billi spjega li din issejħet b'urġenza wara żviluppi li kien hemm matul il-ġimgħa ta' qabel.
Hu semma li t-tim immexxi minn Rupert Cefai, f'isem il-Fondazzjoni, kien ġabar nies esperti sabiex ifasslu l-pre-bid book. Minkejja t-talbiet ripetuti tar-Reġjun għal informazzjoni, din dejjem baqgħet tinżamm sigrieta.

54.2.2 Il-President ta ħarsa lejn il-passi preċedenti

- Ir-Reġjun, flimkien mal-Birgu u mal-Kunsill Reġjun ta' Għawdex, applikaw għall-programm rispettiv u dak iż-żmien intgħażlu Birgu u Victoria flimkien mar-Reġjuni tagħhom.
- L-għada tar-riżultati, il-President ta' Għawdex kien infurmat li għad ma kienx hemm Fondazzjoni mwaqqfa, iżda l-għada filgħodu nħolqot Fondazzjoni mill-Ministeru għal

Għawdex, li fiha l-Ministru nnifsu ħatar lill-Membri tal-Board. Minn kmieni deher li l-Ministeru għal Għawdex ħa f'idejh l-applikazzjoni.

54.2.3 Il-President ta ħarsa lejn l-iżviluppi li kienu saru mal-Valletta Cultural Agency

- Ftit wara, li s-Sur Jason Micallef mill-VCA ħabbar li kienu ser isiru workshops fil-Valletta Design Cluster, dan qabel s-sena 2021.
- Bdiet issir laqgħa kull xahar mal-VCA biex jitfassal l-istatuti tal-Fondazzjoni.
- Għal dan l-iskop, il-Reġjun nefqa bejn €8,000 u €10,000.
- Wara xi żmien, il-laqgħat twaqqfu għalkollox u waslet notifika li ma kienx se jkun hemm bżonn Fondazzjoni ġdida għax il-proġett kien se jaqa' taħt il-Fondazzjoni Kottonera.

52.2.4 Fondi u Rendikonti

- Il-Fondazzjoni Kottonera bdiet titlob fondi mingħand ir-Reġjun ta' €200,000, u li għal dawn sar MoU bejn il-partijiet.
- Il-President fakkar li lura fil-bidu ta' din is-sena huwa kellu r-riżervi tiegħu li jgħaddi t-tieni pagament ta' €100,000. Dan peress li r-rapporti mitluba fil-ftehim qatt ma kienu għadhom waslu. Minkejja dan anki fuq proposta tas-Sur Wayne Aquilina qablu li l-pagament jgħaddi ħalli ma jkunx hemm interruzjonijiet jew skużi li r-Reġjun qed iwaqqaf ix-xogħol. Dan anki peress li l-istudji setgħu faċilment jintużaw għar-Reġjun tal-Kultura 2026.

52.2.5 Kumitat ta' Monitoraġġ u Komunikazzjoni

- Il-Kumitat ta' Monitoraġġ kien rappreżentat mill-Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv f'isem ir-Reġjun. Minkejja li f'Lulju kif ġiet maħtura, kienet staqsiet meta ser jiltaqgħu, ir-risposta tal-Fondazzjoni kienet li kienet ser tissejjaħ laqgħa aktar tard.
- L-ewwel laqgħa ssejħet nhar is-7 ta' Ottubru fejn hi attendiet laqgħa filwaqt li r-rappreżentant tal-Birgu minħabba impenji li kellu minħabba l-Birgu by Candlelight ma' kienx attenda u s-Sur Rupert Cefai avża lis-Sa. Lucienne Bugeja li ma kienx jaf bil-laqgħa. Dan minkejja li jidher li kien intbagħtet stedina b' email.
- Is-Sur Rupert Cefai waqaf iwieġeb għall-komunikazzjoni kollha.
- Il-Ħadd, 2 ta' Novembru 2025 deher ritratt fuq Facebook li juri li Għawdex kien ser jiltaqa' mal-bord tal-esperti li kienu ser jevalwaw il-pre-bid. Kif ukoll post oħra l-għada b' tim sħiħ li kien mar għal preżentazzjoni tal-bid fosthom is-Sindku u l-President li rrappreżentaw lil Għawdex. Dan b' mod sorpriż għar-Reġjun Port u l-Kunsill tal-Birgu li kien baqa' fl-għama u ma kienx ġie infurmat.

52.2.6 Preżentazzjonijiet u Komplikazzjonijiet

- Is-Sur Rupert qal li kien marid, u għalhekk il-Fondazzjoni Kottonera kienet tablet lil membri tal-core team l-oħrajn fosthom is-Sur Joe Gauci u Dr. Racheal Scicluna sabiex jippreżentaw l-pre-bid minflok is-Sur Cefai.

- Semma li dawn l-esperti wara infurmaw lir-Reġjun li lanqas kienu raw id-dokument qabel bdew jaħdmu fuq il-preżentazzjoni, iżda ftit qabel sar il-ħin biex jippreżentaw il-pre-bid tar-Reġjun tfaċċa s-Sur Cefai biex jiddefendi l-bid huwa. Dan kollu r-Reġjun u l-Kunsill sar jafu wara li l-proposta m' għaddietx.

- Il-membri esperti ltaqgħu mal-President u mas-Sindku nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Novembru sabiex jispjegaw il-pożizzjoni tagħhom. Attendew għal-laqħa s-Sur Joe Gauci, is-Sur Joseph Galea u s-Sur Liam Gauci. Hawnhekk kien enfasizzat li x-xogħol kien wieħed kbir u sensittiv u li għadda b' link transfer ukoll lill-Fondazzjoni Kottonera wara li għalqet il-bid apparti li kienu jużaw shared folder mas-Sur Cefai sabiex kulħadd jitfa' ix-xogħol li jtella' fuq pjattaforma komuni.

54.2.7 Żviluppi Riċenti

- Is-Sa. Lucienne Bugeja u is-Sur Joe Mizzi talbu jattendu laqgħa iżda din it-talba ma kinitx aċċettata mill-President; ġiet offruta l-boardroom tal-Fondazzjoni Kottonera, iżda r-Reġjun ma aċċettax.

- Il-President semma li iktar kmieni filgħodu kellu telefonata mis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Alison Zerafa Civelli fejn ċemplet lill-President biex tibgħatlu xufier sabiex jinżel għand is-Sur Joe Mizzi, iżda dan irrifjuta minħabba laqgħa mas-Sindki tar-Reġjun kienet għada ma saritx u ma riedx jippreġudika din il-laqgħa b' urġenza.

- Is-Sur Joe Mizzi assigura li ma hemmx problemi ta' fondi, iżda laqgħa li kienet pjanata mas-Sur Rupert Cefai ma saritx hekk kif dan ma deherx għal-laqgħa mal-Fondazzjoni u mas-Segretarju Parlamentari peress li nforma li kien ma jiflaħx.

54.2.8 Kummenti tal-Membri

- Issemmiet li l-kwistjoni ewlenija hija min kien responsabbli li beda l-proċess minkejja li kien jaf li l-ħidma ma kinitx kompluta u kienu qed jinstabu l-intoppi mill-amministrazzjoni ma kienx hemm komunikazzjoni la mar-Reġjun u lanqas mal-Kunsill u dan baqgħa jinżamm process sigriet mill-partijiet involuti.

- Is-Sur Olaf McKay talab li jkun hemm rendikont sħiħ tal-ECOC Board.

- Ġie deċiż li jintalbu l-Fondazzjoni biex tipprovdi l-informazzjoni kollha miġbura mir-riċerkaturi.

54.2.9 Intervent tas-Sindku tal-Birgu is-Sur John Boxall

- Spjega li din l-istorja ilha għaddejja minn saga għall-oħra imma din kienet biss ħolma tal-Kunsill Lokali tal-Birgu li spiċċa f' labirint ta' kif bdew isiru l-affarjiet.

- Qal li mill-VCA kien hemm konsultazzjoni u li l-Kunsill mexa skont l-indikazzjonijiet tagħhom.
- Wara laqgħa mal-Ministru l-Onor. Owen Bonnici, snin ilu ġew mgħarrfa li hemm urġenza biex il-bid ma tintilifx u li Malta ma tiġix skwalifikata.
- Ikkritika l-fatt li dak li kien qed jiġi instigat li r-Reġjun u l-Kunsill ser jagħmlu, li jispiċċaw iwaqqgħu l-bid ta' Malta spiċċaw li kienu huma li ġew traduti minn process mhux trasparenti.
- Semma wkoll li kien ċar li xi deċiżjonijiet ittieħdu direttament mill-Ministeru u mhux mir-Reġjun, u li l-esperti maħtura mill-Kunsill tal-Birgu lura fis-sena 2019 ġew mormija.

54.2.10 Deċiżjonijiet

1. Tinħareġ ittra rreġistrata lill-Fondazzjoni biex tintalab il-kopja sħiħa tal-dokumentazzjoni u r-rendikonti flimkien mar-rapport Eżekuttiv li kellu jkun anness.
2. Wara ħmistax il-jum, jekk ma jasalx rispons, tintbagħat ittra legali.
3. L-istqarrija tintbgħat immedjatament anki wara li jaraha l-avukat tar-Reġjun.

Id-dokumenti kollha ġew moqrija u approvati b' mod unanimu.

Anness mal-Minuti: Dok A huwa pre-bid document sottomess mill-Fondazzjoni Kottonera għan-nom tar-Reġjun Port u l-Kunsill Lokali Birgu, Dok B huwa kopja tal-ittra li r-Reġjun flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Birgu ser ikun qed jintbagħat għall-attenzjoni tal-Fondazzjoni Kottonera u s-Sur Rupert Cefai, Dok C huwa rapport eżekuttiv dwar il-pre-bid u Dok D huwa kopja tal-istqarrija approvata.

54.2.11 Konklużjoni

Il-President irrimarka li din is-sitwazzjoni komplessa turi nuqqas ta' trasparenza u koordinazzjoni bejn il-partijiet involuti, u saħaq fuq l-importanza li r-Reġjun jiddefendi l-pożizzjoni tiegħu b'mod legali u istituzzjonali.

54.3 Aġġornament

54.3.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-20:00.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv